

31999Y1009(01)

9.10.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

C 288/2

LINJI GWIDA KOMUNITARJI DWAR GĦAJNUNA TA' L-STAT BIEX JIĠU SALVATI U RISTRUTTURATI DITTI F'DIFFIKULTÀ

(Notifika lill-Istati Membri inklużi proposti għal miżuri xierqa)

(1999/C 288/02)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

- (1) Il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida oriġinali tagħha dwar Għajjnuna ta' l-Stat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà fl-1994 ⁽¹⁾ Il-validità tagħhom kienet estiża sal-31 ta' Diċembru 1999 ⁽²⁾ Fl-1997, il-Kummissjoni żiedet regoli speċifiċi għall-agrikultura ⁽³⁾.
- (2) Il-Kummissjoni tixtieq, f'din il-verżjoni tal-Linji Gwida, li t-test tagħhom ikompli jibni fuq verżjonijiet preċedenti, li tagħmel ċerti tibdiliet u kjarifikazzjonijiet imqanqlin minn numru ta' fatturi. L-ewwelnett, it-tkomplija tas-suq intern iwassal għall-ħtieġa ta' attenzjoni akbar fuq l-Għajjnuna Stat-tali. Is-sitt u s-seba' stħarriġ dwar l-Għajjnuna ta' l-Stat fl-Unjoni Ewropea fil-manifattura u xi setturi oħrajn ⁽⁴⁾ juri żieda f'għajjnuniet *ad hoc*, l-aktar biex jiġu salvati jew ristrutturati ditti f'diffikultà, mingħajr ma tkun ikkunsidrata l-għajjnuna mogħtija fil-Lander Ġermaniż il-ġdid *Treuhandanstalt* jew il-*Bundesanstalt f' Sonderaufgaben*. Il-bidu tal-munita unika għandha twassal ukoll għal żieda fil-kummerċ intra-Komunitarju, fejn l-impatt tal-għajjnuna għas-salvar u r-ristrutturazzjoni tad-ditti jew jiġu ristrutturati fuq il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fil-Komunità jin-ħassu aktar Barra minn hekk, il-Kummissjoni kommettiet ruħha fil-pjan ta' azzjoni tagħha għas-suq komuni ⁽⁵⁾ biex tissikka r-regoli dwar għajjnuna biex jiġu salvati u ristrutturati ditti, filwaqt li żżomm quddiemha r-rwol tal-livelli xierqa ta' għajjnuna biex jittaffew l-effetti soċjali tar-ristrutturazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk bdiet tiċċara r-regoli applikabbli għall-għajjnuna għal salvar u ristrutturar u biex tifformola b'mod aktar strett il-Linji Gwida li permezz tagħhom se teżamina din l-għajjnuna.
- (3) Għajjnuna ta' l-Stat biex jiġu salvati ditti f'diffikultajiet ta' falliment u biex jiġu megħjunin jirristrutturaw għandhom jit-qiesu biss leġittimi bla ħsara għal ċertu kondizzjonijiet. Tista' tkun ġustifikata, per eżempju, skond konsiderazzjonijiet ta' politika soċjali jew reġjonali, skond il-ħtieġa li jittieħed fil-konsiderazzjoni r-rwol ta' benefiċċju li l-intrapriżi ż-żgħar u medji (SMEs) għandhom fl-ekonomija jew, eċċezzjonalment, mix-xewqa li tinżamm struttura tas-suq kompetittiva meta n-nuqqas ta' ditti jista' jwassal għal monopolju jew għal sitwazzjoni oligopolistika stretta ⁽⁶⁾.

2. ID-DEFINIZZJONI U L-GĦAN TAL-LINJI GWIDA U L-GĦAQDIET MA' TESTI OĦRA DWAR GĦAJNUNA STAT-TALI.

2.1. IL-KUNĊETT TA' "DITTA F'DIFFIKULTÀ"

- (4) Mhemm l-ebda definizzjoni Komunitarja dwar x'jikkostitwixxi "ditta f'diffikultà" Madankollu, għall-għanijiet ta' dawn il-Linji Gwida, l-Kummissjoni tikkonsidra ditta f'diffikultà fejn din ma tkunx tista', permezz tar-riżorsi tagħha jew permezz ta' fondi li tista' takkwista mingħand sidha/azzjonisti jew kredituri tagħha, tagħmel tajjeb għal telf li, mingħajr għajjnuna esterna mill-awtoritajiet pubbliċi, kważi ċertament se jwassluha biex tfalli malajr jew dalwaqt.
- (5) B'mod partikolari, ditta hi konsidrata, f'kull ċirkostanza u irrISPETTIVAMENT mid-daqs tagħha, li qiegħda f'diffikultà għall-iskop ta' dawn il-Linji Gwida:
- (a) f'każ ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata, fejn aktar minn nofs il-kapital reġistrat ma għandux aċċessibbli ⁽⁷⁾ u aktar minn kwart tal-kapital intilef fit-12-il xahar ta' qabel; jew
- (b) fil-każ ta' kumpannija mhix b'responsabbiltà limitata, fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif jidher fil-kontijiet tal-kumpannija ma għadux aċċessibbli u fejn aktar minn kwart tal-kapital intilef fit-12-il xahar ta' qabel; jew
- (ċ) irrISPETTIVAMENT mit-tip ta' kumpannija konċernata, fejn taħt il-liġi domestika tagħha tissodisfa kriterji biex tkun soġġetta għal proċeduri ta' falliment kollettiv ⁽⁸⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 368, 23.12.94, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 67, 10.03.99, p. 11.

⁽³⁾ ĠU C 283, tad-19.9.1997, p. 2. Ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna li torbot ma' l-Intestatura tal-Kapitolu 5.

⁽⁴⁾ COM(1998) 417 finali; COM(1999) 148 finali.

⁽⁵⁾ CSE(97) 1 finali.

⁽⁶⁾ Dan jirreferi b'mod partikolari g'at-tipi ta' kumpanija msemminja fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE (ĠU L 222, ta' L-14.8.1978, p. 11), kif emendata b'mod partikolari bid-Direttiva 90/605/KEE (ĠU L 317, tas-16.11.1990, p. 60).

⁽⁷⁾ B'analoġija mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE (ĠU L 26, tat-30.1.1977, p. 1).

⁽⁸⁾ Dan jirreferi b'mod partikolari g'at-tipi ta' kumpanija msemminja fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 90/605/KEE.

- (6) Is-sinjali tas-soltu li jindikaw li ditta hi f'diffikultà huma telf dejjem jiżdied, qligħ li qiegħed jonqos, inventarji b'materjal dejjem jiżdied, kapaċità eċċessiva, nuqqas fid-dħul tal-flus kontanti, dejn jiżdied, rati ta' interess li qiegħdin jiżdiedu u valur nett li qiegħed jonqos jew spiċċa. F'każi akuti, l-kumpanniji jistgħu diġà jkunu falluti jew ikunu soġġetti għal proċeduri kollettivi ta' falliment taħt il-liġi domestika li jaqgħu taħtha. F'dawn l-aħħar każi, dawn il-Linji Gwida japplikaw għal kull għajjnuna mogħtija fil-kontest ta' dawn il-proċeduri li twassal biex id-ditta tibqa' fin-negozju. F'kull ċirkostanza, ditta f'diffikultà hi eliġibbli biss fejn, b'mod li jista' jkun ippruvat, hi ma tistax tirkupra permezz tar-risorsi tagħha jew permezz ta' fondi li tista' takkwista mingħand is-sidien/azzjonisti jew kredituri tagħha.
- (7) Għall-iskop ta' dawn il-Linji Gwida, ditta li għadha kemm inħolqot ⁽¹⁾ m'hiex eliġibbli għal għajjnuna biex tiġi salvata jew ristrutturata, anke jekk il-pożizzjoni finanzjarja inizjali tagħha mhijiex ċerta. Dan hu l-każ, fejn, per eżempju, ditta ġdida titwelled mil-likwidazzjoni ta' ditta li kienet teżisti jew sempliċiment tieħu fidejha l-assi ta' kumpannija bħal din ⁽²⁾.
- (8) Kumpannija li tappartjeni lil grupp tan-negozju akbar normalment m'hiex eliġibbli għal għajjnuna biex tiġi salvata jew ristrutturata, hliief fejn ikun jista' jintwera li d-diffikultajiet huma tal-kumpannija biss u m'humiex ir-riżultat ta' allokazżjoni arbitrara ta' l-ispejjeż fil-grupp, u fejn id-diffikultajiet huma serji wisq biex il-grupp innifsu jkun jista' jieħu ħsiebhom.

2.2. ID-DEFINIZZJONI TAL-GĦAJJNUNA GĦAS-SALVAZZJONI U RISTRUTTURIZZAZZJONI

- (9) L-għajjnuna għas-salvazzjoni u l-għajjnuna għall-istrutturar huma koperti mill-istess sett ta' linji gwida, għaliex fiż-żewġ każi l-awtoritajiet pubbliċi għandhom quddiemhom ditta b'diffikultajiet u s-salvar u l-istrutturar huma ħafna drabi żewġ naħat ta' biċċa xogħol waħda, anke jekk jinvolvu proċessi differenti
- (10) L-għajjnuna għas-salvazzjoni hi min-natura tagħha assistenza temporanja. Din l-għajjnuna għandha tagħmilha possibbli li kumpannija batuta tibqa' ħajja sakemm issir ir-ristrutturazzjoni jew il-pjan għal-likwidazzjoni jew/u għat-tul taż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tkun tista' tilħaq deċiżjoni dwar dan il-pjan.

⁽¹⁾ Il-kreazzjoni minn kumpanija ta' susidjarja sempliċiment għall-iskop li tir'ievi attivi u possibbilment il-libabbiltajiet tagħha mhijiex meqjusa b'jal l-ħolqien ta' ditta ġdida.

⁽²⁾ L-unic i eċċezzjonijiet għal din ir-regola huma xi każi li jaqgħu taħt il-Bundesanstalt fr vereinigungsbedingte Sonderaufgaben fil-kuntest tal-tħassir mal-privatizzazzjoni tagħha u każi oħra simili fil-ġdid, li jinvolvu kumpanniji li għadhom kemm ħarġu minn likwidazzjoni jew li l-attivi tagħhom għaddew għand ħaddieħor qabel il-31 ta' Diċembru 1999.

- (11) Ir-ristrutturazzjoni, mill-banda l-oħra, tinbena fuq pjan possibbli, koerenti u komprensiv biex id-ditta tkun tista' terġa' takkwista s-saħħa għat-tul. Ir-ristrutturar ġeneralment jinvolvi wieħed jew aktar minn dawn l-elementi: ir-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni ta' l-attivitajiet tad-ditta fuq bażi aktar effiċjenti, li tipikament tinvolvi li d-ditta titbiegħed minn attivitajiet li qiegħdin itellfuha l-flus, ir-ristrutturar ta' dawk l-attivitajiet li jistgħu mill-ġdid isiru kompetittivi u, possibbilment, id-diversifikazzjoni fid-direzzjoni ta' attivitajiet ġodda u vjabbli. Ir-ristrutturar finanzjarju (dħul dirett ta' kapital, ir-riduzzjoni tad-dejn) ġeneralment irid ikun akkumpanjat minn ristrutturatur fiżiku. L-operazzjonijiet ta' ristrutturatur fi ħdan l-iskop ta' dawn il-Linji Gwida ma jistgħux, madanakollu, jintrabu biss ma' għajjnuna finanzjarja biex tagħmel tajjeb għal telf min-għajr ma ttieħed azzjoni biex jintrebħu r-raġunijiet li qiegħdin iwasslu għal dan it-telf.

2.3. L-INTENZJONI

- (12) Dawn il-Linji Gwida japplikaw għal ditti ditti fis-setturi kollha (hliief dawk li jaqgħu taħt it-Trattat KEFA), mingħajr ħsara għal regoli speċifiċi relatati ma' ditti f'diffikultà fis-settur konċernat ⁽³⁾. Il-Kapitolu 5 jinkorpora fih ir-regoli speċifiċi għall-agrikoltura adottati fl-1997.

2.4. L-APPLIKABILITÀ TA' L-ARTIKLU 87(1) TAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KE.

- (13) Għajjnuna ta' l-Stat biex jiġu salvati jew ristrutturati ditti f'diffikultà tista', min-natura tagħha, tħarbat il-kompetizzjoni, safejn taffettwa n-negozju bejn l-Istati Membri, hi taqa' taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat li Jistabbilixxi l-KE.
- (14) Għajjnuna għall-istrutturar tista' tieħu diversi forum, bħal dħul dirett ta' kapital, maħfra ta' djun, self, ħelsien minn taxxi jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew garanziji fuq self. Fl-każ ta' salvar, madanakollu, jekk m'huwix stipulat b'mod ċar f'xi test Komunitarju ieħor dwar l-Għajjnuna Statali, l-assistenza għandha tkun limitata għal self jew garanziji fuq self (ara punti 23 sa 27).
- (15) Is-sors ta' għajjnuna jista' jkun kull livell tal-gvern ⁽⁴⁾, ċentrali, reġjonali u lokali, u kull "impriża pubblika", kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kummissjoni ta' l-1980 80/723/KEE ⁽⁵⁾ tal-25 ta' Ġunju 1980 fuq it-trasparenza

⁽³⁾ Regoli speċifiċi ta' din in-natura jeżistu għall-bini tal-vapurii (Regolazzjoni (KE) Nru 1540/98, ĠU L 202, tat-18.7.1998, p. 1), fl-industrija tal-vetturi bil-mutur (ĠU C 279, tal-15.9.1997, p. 1) u fis-settur ta' l-avjazzjoni (ĠU C 350, ta' l-10.12.1994, p. 5).

⁽⁴⁾ Inkluż fil-każi ta' għajjnuna ko-finanzjata minn fondi Komunitarji.

⁽⁵⁾ ĠU L 195, tad-29.7.1980, p. 35, kif emendat mid-Direttiva 93/84/KEE (ĠU L 254, tat-12.10.1993, p. 16).

tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u impriżi pubbliċi. Għalhekk, bħala eżempju, għajjnuna għal salvar jew ristrutturar tista' toriġina minn kumpanniji li l-Istat għandu sehem fihom jew kumpanniji b'investiment pubbliku (1).

(16) Biex jiddeterminaw meta d-dħul ta' kapital ġdid minn awtoritajiet pubbliċi f'kumpanniji li huma tagħhom jinvolve element ta' għajjnuna, il-kriterju applikabbli hu l-prinċipju tal-*"market-economy private investor"* (2). Dan jipprovdi li f'ċirkostanzi fejn investitur privat razzjonali li qiegħed jopera f'ekonomija tas-suq ikun għamel il-finanzi disponibbli, d-dispożizzjoni jew garanzija ta' sosteniment ta' kumpannija m'hiex meqjusa li tinvolvi għajjnuna.

(17) Fejn il-fondi huma provduti jew garantiti mill-Istat lil impriża li tinsab f'diffikultajiet finanzjarji, madankollu, għandu jiġi meqjus li x'aktarx it-trasferiment finanzjarju jinvolve l-għajjnuna. Għalhekk, dawn it-transazzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu komunikati lill-Komunità minn qabel, fejn hu meħtieġ permezz ta' notifikazzjoni ta' skema ġenerali, skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat (3). Hu aktar presunt li nġhatat għajjnuna f'każi fejn hemm eċċess fil-kapaċità tal-produzzjoni strutturali fuq livell Komunitarju jew taż-ŻEE f'suq fejn id-ditta li tirċievi hi attiva jew fejn l-industrija b'mod sħiħ tinsab f'diffikultajiet.

(18) L-istima għall-għajjnuna għas-salvar jew ristrutturar ma għandhiex tkun affettwata minn bidla f'min hu sid in-negozju li qiegħed jirċievi l-għajjnuna.

2.5. IL-KOMPATIBILITÀ MAS-SUQ KOMUNI.

(19) L-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat jipprovdi l-possibbiltà ta' għajjnuna li taqa' taħt l-iskop ta' l-Artikolu 87(1) li titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni. Barra minn każi ta' għajjnuna biex jagħmlu tajjeb għal ħsara kawżata minn diżastri nazzjonali jew avvenimenti eċċezzjonali (l-Artikolu 87(2)(b)), li m'humiex koperti hawnhekk, l-unika bażi fejn għajjnuna għal salvar jew ristrutturar ta' ditti f'diffikultà tista' titqies kompatibbli hi l-Artikolu 87(3)(c). Taħt din id-dispożizzjoni l-Kummissjoni għandha l-poter tawtorizza

(1) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 1977 fil-każ 78/76 Steinike und Weinlig v il-Ġermanja, (1977) ECR 595; Crédit Lyonnais/Usinor-Sacilor, karta g'all-istampa tal-Kummissjoni IP(91) 1045.

(2) Ara l-Komunikazzjoni dwar impriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura (ĠU C 307, tat-13.11.1993, p. 3).

(3) Ara b'mod partikolari l-punt 27 tal-Komunikazzjoni dwar impriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura.

"għajjnuna biex tiffaċilita l-Iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi (.....) fejn din l-għajjnuna ma taffettwax ħażin il-kondizzjonijiet tan-negozju b'mod li tmur kontra l-interess komuni."

(20) Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-salvar jew ir-ristrutturar jista' jwassal għall-Iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi min-għajr ma jiġi affettwat ħażin il-kummerċ sal-punt kuntrarju għall-interess Komunitarju jekk il-kondizzjonijiet imniżżlin f'dawn il-Linji Gwida jitħarsu. Fejn id-ditti li se jiġu salvati jew ristrutturati jinsabu f'naħat megħjunin, il-Kummissjoni tikkunsidra l-konsiderazzjonijiet reġjonali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 87(3)(a) u (ċ) kif deskritt f'punti 53 u 54.

2.6. DISPOSIZZJONIJET OĦRAJN TAL-LIĠI KOMUNTARJA

(21) Għandu jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni ma tistax tawtorizza għajjnuna għal salvar jew ristrutturar ta' ditti f'diffikultà fejn it-termini u l-kondizzjonijiet imorru kontra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ħlief l-Artikoli 87 u 88 jew leġiżlazzjoni sekondarja.

3. KONDIZZJONIJET ĠENERALI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI TA' GĦAJNUNA GĦAL SALVAR U/JEW STRUTTURA NOTIFIKATA INDIVIDWALMENT LILL-KUMMISSJONI.

(22) Dan il-Kapitolu hu esklussivament dwar miżuri għall-għajjnuna li huma notifikati individwalment lill-Kummissjoni. Taħt ċertu kondizzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tawtorizza skemi ta' għajjnuna għas-salvar jew ristrutturar: b'dawn il-kondizzjonijiet jinsabu f'Kapitolu 4.

3.1. GĦAJNUNA GĦAS-SALVAZZJONI

(23) Biex tkun approvata mill-Kummissjoni, għajjnuna għas-salvar kif definita f'punt 12 trid:

(a) tikkonsisti f'għajjnuna f'kontanti f'forma ta' garanziji fuq self jew self (4). Fiż-żewġ każi, s-self għandu jkun ingħata b'rata ta' interess ta' l-inqas komparabbli f'dawk osservati f'self lil kumpanniji f'sikkithom, u b'mod partikolari r-rati tar-referenza adottati mill-Kummissjoni;

(4) Eċċezzjoni tista' ssir fil-każ ta' għajjnuna għas-salvar fis-settur bankarju, biex l-istituzzjoni li sselef diskussa tkun tista' temporanjament tkompli n-negozju bankarju tagħha skond il-leġiżlazzjoni prudenti attiva (Direttiva tal-Kunsill 89/647/KEE tat-18 Diċembru 1989, fuq ir-ratio ta' falliment għal istituzzjonijiet li jsellu ĠU L 386, tat-30.12.1989, p. 14). Kull għajjnuna oħra mogħtija f'forma barra dik deskritta fis-subparagrafu (b), bħala eżempju injezzjoni ta' kapital jew self subordinat, jittieħdu fil-konsiderazzjoni meta jiġu eżaminati miżuri kompensatorji taħt il-pjan ta' ristrutturar skond il-punti 35 sa 39.

- (b) ikun magħqud ma' self li għandu jintradd lura fuq perjodu ta' mhux aktar minn tna-x-il xahar wara l-għoti ta' l-aħħar somma lid-ditta ⁽¹⁾;
- (c) ikun garantit fuq bażi ta' diffikultajiet soċjali serji u m'għandhomx effett negattiv sekondarju fuq Stati Membri oħra;
- (d) ikun akkumpanjat man-notifikazzjoni b'att li juri r-responsabbiltà ta' l-Istat Membru konċernat li jikkomunika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta l-ghajjnuna għas-salvazzjoni tkun awtorizzata, bi pjan ta' ristrutturar jew pjan ta' likwidazzjoni jew xhieda li s-self intradd lura fis-sħiħ u/jew li l-garanzija ġiet terminata;
- (e) ikun ristrett għall-ammont meħtieġ biex id-ditta tibqa' fin-negozju fil-perjodu li fih l-ghajjnuna hi awtorizzata (bħala eżempju, li tkopri l-ispejjeż tal-pagi u salarji jew materjal ta' rutina).
- (24) L-ghajjnuna għas-salvazzjoni tkun inizjalment awtorizzata għal mhux aktar minn sitt xhur jew, fejn l-Istat Membru konċernat ikun issottometta pjan ta' ristrutturazzjoni f'dan il-perjodu, sakemm il-Kummissjoni tilħaq id-deċiżjoni tagħha dwar il-pjan. F'ċirkostanzi eċċezzjonali sostanzjali kif suppost u wara t-talba ta' l-Istat Membru konċernat, il-Kummissjoni tisa' testendi l-perjodu inizjali ta' sitt xhur.
- (25) L-ghajjnuna għas-salvazzjoni hi operazzjoni ta' darba disinjata biex iżżomm kumpannija fin-negozju għal perjodu limitat, li matulu l-futur tagħha jista' jiġi assessjat. Min-naħa l-oħra, salvazzjoni ripetuti li żżomm biss l-*istatus quo*, jipponi l-inevitabbli u fl-istess ħin jiffa' l-problemi ekonomiċi u soċjali fuq produtturi oħrajn effiċjenti jew fuq Stati Membri oħra, ma jistax jiġi tollerat.
- (26) Jekk l-Istat Membru jfalli milli jikkomunika l-informazzjoni stipulata f'(d) ta' punt 23 qabel jiskadi l-perjodu ta' sitt xhur u ma jagħmilx ir-rikjesta mitluba sostanzjata biex iż-żmien stipulat jiżdied, il-Kummissjoni tibda proċeduri kontrih taħt l-Artikolu 88(2).
- (27) L-approvazzjoni ta' ghajjnuna għas-salvazzjoni ma tfissirx li ghajjnuna għal pjan ta' ristrutturar se tkun sussegwentement
- (1) Ir-radd lura tat-tislifa marbuta mal-ghajjnuna għas-salvazzjoni tista' taqa' taħt l-ghajjnuna għar-ristrutturazzjoni sussegwentement approvata mill-Kummissjoni.
- approvata; din l-ghajjnuna se tkun iġġudikata fuq il-merti tagħha.
- ### 3.2. GĦAJJUNA GĦAL RISTRUTTURIZZAZZJONI
- #### 3.2.1. Prinċipju bażiku
- (28) L-ghajjnuna għal ristrutturar tqajjem ċerti ħsibijiet partikolari dwar kompetizzjoni għaliex tista' titfa ammont mhux ġust tal-piż ta' bidla strutturali u l-problemi ekonomiċi u soċjali konnessi magħha fuq produtturi li għaddejin tajjeb mingħajr l-ghajjnuna u fuq Stati Membri oħra. Il-prinċipju ġenerali għalhekk għandu jkun li l-għotja għal ristrutturar tingħata biss f'ċirkostanzi fejn jista' jintwera li ma tmurx kontra l-interessi Komunitarji. Dan ikun possibbli biss jekk jinżammu krietji stretti, u jekk ikun hemm iċ-ċertezza li kull żbilanċ fil-kompetizzjoni se tagħmel tajjeb għalih is-sopravivenza tad-ditta (b'mod partikolari fejn hu ċar li l-effett aħħari tal-qagħad li jirriżulta jekk il-kumpannija tagħlaq, flimkien ma' l-effett fuq dawk li jissupplixxu, ikabbar il-problemi ta' l-imjegi lokali, reġjonali u nazzjonali jew, eċċezzjonalment, fejn in-nuqqas tad-ditta jwassal għal monopolju jew sitwazzjoni oligopolistika stretta) u fejn, hu xieraq, hemm miżuri kompensatorji adegwati favur kompetituri.
- #### 3.2.2. Kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-ghajjnuna.
- (29) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali għal naħat megħjunin, SMEs u s-settur agrikolu (ara punti 53, 54 u 55 u l-Kapitolu 5), il-Kummissjoni tapprova ghajjnuna biss taħt dawn il-kondizzjonijiet:
- (a) *L-eliġibbiltà tad-ditta*
- (30) Id-ditta għandha tikkwalifika bħala ditta f'diffikultà skond it-tifsira ta' dawn il-Linji Gwida (ara punti 4 sa 8).
- (b) *Ir-restorazzjoni tal-vjabbiltà*
- (31) L-għoti tal-ghajjnuna hi marbuta mal-kondizzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturazzjoni li għandu jkun aċċettat mill-Kummissjoni f'kull każ individwali ta' ghajjnuniet.
- (32) Il-pjan ta' ristrutturar, li d-durazzjoni tiegħu għandha tkun kemm jista' jkun qasira, għandu jrodd lura lid-ditta l-vjabbiltà għal tul ta' żmien fi żmien perjodu raġonevoli u fuq il-bażi ta' assunzjonijiet realistċi dwar il-kondizzjonijiet futuri li fihom se topera d-ditta. L-ghajjnuna għal ristrutturar għandha għalhekk tkun magħquda ma' pjan ta' ristrutturar vjabbli li l-Istat Membru konċernat jikkommetti ruħu

għalih. Il-pjan għandu jingħata bid-dettalji kollha rilevanti tiegħu lill-Kummissjoni u jkun jinkludi, b'mod partikolari, l-qagħda tas-suq mistħarreġ⁽¹⁾.

(33) Ir-ristrutturar għandu jinvolvi l-abbandun ta' attivitajiet li kieku jibqgħu jwasslu għal telf strutturali anke wara r-ristruttura. Il-pjan tar-ristrutturazzjoni għandu jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi li wasslu għad-diffikultajiet tal-kumpannija, biex b'hekk jipprovi bażi biex ikun jista' jiġi mkejjejjel jekk il-miżuri proposti humiex xierqa. Għandha tikkunsidra, *inter alia*, l-istat peżenti u l-prospetti futuri għal forniment u domanda fis-suq tal-prodott rilevanti, b'xenarji li jirriflettu l-aħjar sitwazzjoni, l-aġar sitwazzjoni u assunzjonijiet intermedji u s-saħħiet u d-dgħufijiet speċifiċi tal-kumpannija. Għandu jwassal lid-ditta biex tipprograssa lejn struttura li toffrila prospetti ta' vjabbiltà għal tul ta' żmien u biex tkun tista' tieqaf weħidha fuq saqajha.

(34) Il-pjan għandu jipprovi għal bidla li twassal lill-kumpannija, wara li tkun irristrutturat ruħha, biex tkun tista' tkopri l-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' diprezzament u spejjeż finanzjarji. id-dħul mistenni f'kapital għandu jkun biżżejjed biex il-kumpannija ristrutturata tkun tista' tikkompeti fis-suq mingħajr l-ghajjnuna ta' ħadd.

(c) *L-evitar ta' tagħwiġ mhux neċessarju fil-kompetizzjoni*

(35) Għandhom jittieħdu miżuri biex ipattu kemm jista' jkun għal effetti negattivi li l-ghajjnuna tista' tħalli fuq il-kompetituri. Jekk ma jsirx hekk, l-ghajjnuna għandha titqies "kontra l-interess komuni" u għalhekk inkompatibbli mas-suq komuni.

(36) Din il-kondizzjoni ġeneralment tiegħu l-forma ta' limitazzjoni dwar il-preżenza li l-kumpannija jista' jkollha fis-suq jew swieq tagħha wara t-tmiem tal-perjodu tar-ristrutturar.

⁽¹⁾ Il-partijiet ta' informazzjoni li l-Kummissjoni trid biex teżamina l-ghajjnuna b'mod sodisfaċenti hemm lista tagħhom fl-ANNEX I.

Fejn id-daqs tas-suq/swieq rilevanti⁽²⁾ hu negliġibbli fuq livell Komunitarju jew taż-ŻEE, jew fejn is-sehem tad-ditta fis-suq rilevanti hu negliġibbli għandu jiġi konsidrat li m'hemm l-ebda tagħwiġ mhux xieraq għall-kompetizzjoni. Din il-kondizzjoni għandha għalhekk tkun meqjusa bħala normalment mhux applikabbli għal impriżi zġhar jew medji, ħliet fejn ir-regoli dwar l-Ghajjnuna ta' l-Stat fis-settur partikolari jipprovdu mod ieħor.

(37) Il-limitazzjoni obligatorja jew ir-riduzzjoni tal-preżenza tal-kumpannija fis-suq/swieq rilevanti tirrappreżenta fattur li jagħmel tajjeb għal dak li setgħu tilfu l-kompetituri. Għandha tkun fi proporzjon ma' l-effetti ta' tagħwiġ ikkawżati mill-ghajjnuna u, b'mod partikolari, għall-importanza relattiva tad-ditta fis-suq jew swieq tagħha. Il-Kummissjoni tiddetermina l-kobor tal-limitazzjoni jew riduzzjoni fuq il-baży ta' stħarriġ tas-suq li jkun mehmuż mal-pjan strutturali u, fejn il-proċedura tkun inbdiet, fuq il-baży ta' informazzjoni mogħtija minn partijiet interessati. Ir-riduzzjoni fil-preżenza tad-ditta għandha tidħol f'effett permezz tal-pjan ta' ristrutturazzjoni u l-kondizzjonijiet li jista' jkun hemm fih.

(38) Tnaqqis fil-mezzi kompensatorji jista' jiġi konsidrat jekk din ir-riduzzjoni jew limitazzjoni tista' twassal għal deteriorazzjoni tanġibbli fl-istruttura tas-suq, bħall per eżempju billi jollha l-effett indirett li toħloq monopolju jew sitwazzjoni oligopolistika stretta.

(39) Miżuri obligatorji jistgħu jieħdu forom differenti skond jekk id-ditta hiex topera f'suq fejn hemm eċċess fil-kapaċità. Il-Kummissjoni, meta tiġi biex tiddeċiedi jekk hemmx eċċess fil-kapaċità f'suq partikolari tista' żżomm f'moħħha l-informazzjoni kollha neċessarja li jkollha fil-pussess tagħha:

(i) fejn ikun hemm eċċess fuq livell Komunitarju jew fuq iż-ŻEE fil-kapaċità produttiva f'suq servut mir-reċipjent, il-pajjn ta' ristrutturazzjoni għandu jagħmel kontribuzzjoni, fi proporzjon ma' l-ammont ta' ghajjnuna riċevuta u l-impatt tagħha fuq is-suq, għat-titjib

⁽²⁾ Kif definit f'punt 7.6 ta' l-istruttura multisettorjali dwar l-ghajjnuna regionali għal proġetti ta' investment kbar (ĠU C 107, tas-7.4.1998, p. 7): "Is-suq/swieq rilevanti għall-prodott biex jiġi determinat is-sehem fis-suq jinkludi l-prodotti inklużi fil-proġett ta' investment u, fejn hu xieraq, is-sostituti tiegħu konsidrati mill-konsumatur (skond il-karatteristiċi tal-prodotti, l-prezzijiet tagħhom u l-użu tagħhom) jew mill-produttur (mill-flessibbiltà ta' l-installazzjonijiet tal-produzzjoni). Is-suq geografju rilevanti ġeneralment jinkludi l-KEE jew, alternattivament, parti sinifikanti minnha jekk il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni f'dik in-naħa jistgħu jiġu sufficjament distinti min-naħat oħrajn tal-KEE meta hu xieraq li l-prodotti mqegħdin fis-suq/swieq jistgħu jiġu konsidrati bħala globali". Nota fqiegħ il-paġna tgħid li, fejn l-investment jikkonċerna l-produzzjoni ta' prodotti intermedji, s-suq rilevanti jista' jkun is-suq għall-prodott finali jekk il-parti l-kbira tal-produzzjoni ma tinbighx f'suq liberu.

tal-kondizzjonijiet tas-suq billi jirriduċi irriversibbilment il-kapaċità produttiva. Riduzzjoni fil-kapaċità hi irriversibbli meta l-assi rilevanti huma magħmulin permanentement li ma jistgħux jilhqur-rata ta' produzzjoni ta' qabel, jew huma permanentement ikkonvertiti għal użu ieħor. Il-bejgħ ta' kapaċità lill-kompetituri mhiex suffiċjenti f'dan il-każ, dejjem jekk l-impjant ma jinbigħx għall-użu f'suq ġeografiku fejn l-operazzjoni kontinwata tiegħu x'aktarx ma jkollhiex effetti sinifikattivi fuq is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni fil-Komunità. Ir-rekwiżiti għar-riduzzjoni fil-kapaċità għandhom jikkontribwixxu għal riduzzjoni fil-preżenza tad-ditta reċipjenti fis-suq jew swieq tagħha;

- (ii) fejn, min-naħa l-oħra, m'hemm eċċess strutturali fuq livell Komunitarju jew taż-ŻEE fil-kapaċità produttiva f'suq servut mir-reċipjent, il-Kummissjoni xorta teżamina jekk ikunx hemm bżonn miżuri kompensatorji. Fejn miżuri kompensatorji bħal dawn jinvolvu riduzzjoni fil-kapaċità tad-ditta involuta, ir-riduzzjoni neċessarja tista' tintlaħaq billi jiġu trasferiti għal sezzjoni jew ditta oħra attiv ("assets") jew sussidjarji. Il-Kummissjoni trid teżamina l-miżuri obligatorji proposti mill-Istat Membru konċernat, jieħdu liema forma jieħdu, u tidetermina jekk humiex suffiċjenti fl-iskop tagħhom biex jagħmlu tajjeb għall-effetti distortivi potenzjali ta' l-għajjnuna fuq il-kompetizzjoni. Fl-eżami tal-miżuri kompensatorji neċessarji, l-Kummissjoni tikkunsidra l-istat tas-suq, u b'mod partikolari l-livell tat-tkabbir u sakemm u kif id-domanda qiegħda tintlaħaq.

(d) *L-għajjnuna limitata għall-minimu.*

- (40) L-ammont u l-intensità ta' l-għajjnuna għandhom ikunu limitati għall-minimu li hemm bżonn biex isseħħ ir-ristrutturazzjoni fid-dawl tar-risorsi finanzjarji eżistenti tal-kumpannija, dawk li għandhom ismha fiha jew il-grupp tan-negozju li għalih tappartjeni. Dawk li jibbenefikaw minn għajjnuna huma mistennijin li jagħmlu kontribuzzjoni sinifikattiva lill-pjan ta' ristrutturazzjoni mir-risorsi tagħhom stess, inkluż mill-bejgħ ta' attiv ("assets") li m'humiex neċessarji għas-sopravivenza tal-kumpannija, jekk minn finanzjament estern b'kondizzjonijiet tas-suq. Biex jiġi limitat l-effett distortiv, l-ammont tal-għajjnuna u l-forma li fiha tingħata għandhom ikunu b'mod li jevitaw li l-kumpannija tingħata flus li m'għandhiex bżonnhom li jistgħu jintużaw f'attivitajiet aggressivi u li jagħwġu l-andament tas-suq u li m'humiex marbutin mal-proċess tar-ristutturazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk teżamina l-livell tal-ljabbiltajiet tad-ditta wara r-ristutturazzjoni, inkluża s-sitwazzjoni wara l-posponiment jew ir-riduzzjoni fid-djun tagħha, partikolarment fil-kuntest tat-tkomplija tagħha fin-negozju wara proċeduri ta' falliment kollettiv miġjuba kontra taħt il-liġi nazzjonali⁽¹⁾. L-ebda għajjnuna m'għandha tmur biex tiffinanzja investiment ġdid li mhuwiex essenzjali biex restawrata l-vjabbiltà tal-kumpannija.

- (41) F'kull każ, għandu jintwera lill-Kummissjoni li l-għajjnuna se tintuża biss għall-iskop tar-restawr tal-vjabbiltà tad-ditta u li mhux se tagħmel lir-reċipjent kapaċi waqt l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni li jespandi l-kapaċità produttiva tiegħu, ħlief jekk dan mhuwiex essenzjali biex tiġi restawrata l-vjabbiltà mingħajr ma titgħawweġ bla bżonn il-kompetizzjoni.

(e) *Kondizzjonijiet speċifiċi relattati ma' l-awtorizzazzjoni tal-għajjnuna*

- (42) Mal-miżuri kompensatorji deskritti f'punti 35 u 39, u fil-każ li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux adottati mill-Istat Membru konċernat, il-Kummissjoni tista' timponi kwalunkwe kondizzjonijiet u obligazzjonijiet li hi tqis neċessarji biex tiżgura li l-għajjnuna ma tgħawwiġx l-għan tal-kompetizzjoni b'mod li tmur kontra l-interess komuni. Per eżempju, hi tista' tkun trid li l-Istati Membri:

(i) jieħdu ċertu miżuri huma nfushom (eż. biex jinfetħu ċerti swieq għal operaturi Komunitarji oħrajn);

(ii) li jimponu ċerti obligazzjonijiet fuq id-ditta li qiegħda tirċievi l-għajjnuna (eż. li tibqa' lura milli taġixxi bħala kontrollura tal-prezzijiet f'ċerti swieq);

(iii) li joqogħdu lura milli jagħtu tipi oħra ta' għajjnuna lid-ditta li rċeviet l-għajjnuna waqt il-perjodu ta' ristrutturazzjoni.

(f) *L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' ristrutturazzjoni u l-ossevanza tal-kondizzjonijiet*

- (43) Il-kumpannija trid timplimenta bis-sħiħ il-pjan ta' ristrutturazzjoni li jkun aċċettat mill-Kummissjoni u għandha taqdi l-obbligazzjonijiet l-oħrajn kollha li jkun hemm fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tqis kull nuqqas fl-implimentazzjoni tal-pjan jew fil-qadi ta' l-obbligazzjonijiet bħala użu ħażin ta' l-għajjnuna.

- (44) Fejn l-operazzjonijiet ta' l-istrutturazzjoni jieħdu diversi snin u jinvolvu ammont sostanzjali ta' għajjnuna, il-Kummissjoni tista' titlob li l-ħlas ta' l-għajjnuna għar-ristutturazzjoni jinqasam f'biċċiet u tista' tagħmel il-ħlas ta' kull biċċa mill-għajjnuna soġġett għal:

(i) il-konferma, qabel kull ħlas, ta' l-implimentazzjoni sodisfaċenti ta' kull stadju fil-pjan ta' ristrutturazzjoni, skond l-iskeda miftiehma; jew

⁽¹⁾ Ara t-tielet paragrafu tal-punt 6.

- (ii) l-approvazzjoni tagħha, qabel kull ħlas, wara l-verifika li l-pjan qiegħed jiġi implimentat b'mod sodisfaċenti.

(g) *Moniteraġġ u rapport annwali*

- (45) Il-Kummissjoni trid tkun f'pożizzjoni li taċċerta li l-pjan ta' ristutturazzjoni qiegħed jiġi implimentat sewwa, permezz ta' rapporti regolari dettaljati komunikati mill-Istat membru ikkonċernat.

- (46) Fil-każ ta' għajnuna lil ditti kbar, l-ewwel wieħed minn dawn ir-rapporti normalment irid jingħata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-approvazzjoni ta' l-għajnuna. Wara r-rapporti jridu jint-bagħtu lill-Kummissjoni ta' l-inqas darba fis-sena, f'data fissa, sakemm l-għanijiet tal-pjan ta' ristutturazzjoni jistgħu jit-qiesu li jkun ntaħqu. Ir-rapporti għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni trid biex tkun tista' timmonitorja l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristutturazzjoni, l-iskeda tal-ħlasijiet lill-kumpannija l-pożizzjoni finanzjarja tagħha u l-osservanza ta' kwalunkwe kondizzjonijiet u obbligazzjonijiet inklużi fid-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni ta' l-għajnuna. Iridu b'mod partikolari jinkludu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar kull għajnuna għal kull għan li l-kumpannija rċeviet, kemm fuq bażi individwali jew taħt skema ġenerali, waqt il-perjodu ta' ristutturazzjoni (ara l-punti 90 u 93). Fejn il-Kummissjoni tkun trid konferma fil-ħin dwar ċerti punti informativi importanti, eż. dwar għeluq jew riduzzjonijiet fil-kapaċità, hi tkun tista' trid rapporti aktar frekwenti.

- (47) Fil-każ ta' għajnuna lil intrapriżi żgħira jew ta' daqs medju, it-trasmissjoni annwali ta' kopja ta' karta tal-bilanċ u ta' l-att tal-qligħ u t-telf annwali tad-ditta li qiegħda tirċievi l-għajnuna normalment għandha tkun suffiċjenti, ħlief fejn kondizzjonijiet aktar stretti tqiegħdu fid-deċiżjoni ta' l-approvazzjoni ta' l-għajnuna.

3.2.3. Kondizzjonijiet "Ta' darba, l-aħħar darba"

- (48) Sabiex ditti ma jingħatawx għajnuna li ma ħaqqhomx, l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni għandha tighata darba biss. Meta għajnuna għar-ristrutturazzjoni jplanata tiġi notifikata lill-Kummissjoni, l-Istat Membru jrid jispeċifika jekk id-ditta konċernata fil-passat irċevietx xi għajnuna għal ristutturazzjoni, inkluża għajnuna mogħtija qabel daħlu fis-seħħ dwan il-Linji Gwida jew xi għajnuna oħra mhux notifikata⁽¹⁾. Jekk hu hekk, u fejn għaddew anqas minn għaxar snin minn

meta spiċċa l-perjodu ta' ristrutturazzjoni⁽²⁾ jew l-implimentazzjoni tal-pjan twaqqfet, il-Kummissjoni normalment⁽³⁾ tippermetti għajnuna oħra għar-ristrutturazzjoni f'ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li għalihom il-kumpannija mhijiex responsabbli⁽⁴⁾. Ċirkostanza imprevedibbli hi waħda li bl-ebda mod ma setgħet tkun antiċipata meta l-pjan ta' ristutturazzjoni kien imfassal.

- (49) L-applikazzjoni ta' din ir-regola bl-ebda mod m'għandha tiġi affettwata b'tibdil tas-sidien tad-ditta li tirċievi l-għajnuna wara li nġhatat l-għajnuna jew b'xi proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva li għandha l-effett li tpoġġi l-karta tal-bilanċ fuq sieq aktar soda, billi tirriduċi l-lijabbiltajiet jew tħassar id-djun preċedenti fejn hi l-istess ditta li qiegħda tkompli fin-negozju.

- (50) Fejn ditta tgħaddi attivi ("assets") lil ditta oħra, u b'mod partikolari ditta li kienet is-soġġett ta' waħda mid-dispożizzjonijiet imniżżlin f'punt 49 jew ta' proċeduri ta' falliment kollettiv taħt liġi nazzjonali, u hi nifisha diġà rċeviet għajnuna għas-salvazzjoni jew ristutturazzjoni, ix-xerrej m'huwiex soġġett għall-ħtieġa ta' "ta' darba, l-aħħar darba", dejjem jekk jintlaqgħu dawn it-tliet kondizzjonijiet:

- (a) ix-xerrej hu kjarment separat mid-ditta l-antika;
- (b) ix-xerrej ikun akkwista l-attivi tad-ditta l-antika bil-prezzijiet tas-suq (biex b'hekk jiġi evitat li għajnuna mogħtija lil kumpannija antika titkompla lill-ġdida);

⁽²⁾ Kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-perjodu għal ristutturazzjoni normalment jispiċċa meta t-terminu perentorju għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fil-pjan għar-ristrutturazzjoni jispiċċa (ara s-sitt inċiż f'punt IV ta' l-Anness I).

⁽³⁾ Meta tikkunsidra l-ammont ta' liberalizzazzjoni u l-fatturi speċifiċi ta' kull settur, għandhom jiġu notati żewġ sitwazzjonijiet:

— fis-settur tat-trasport bl-ajru, liberalizzazzjoni għal kolloxx sa mill-1997, il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipju ta' "darba, l-aħħar darba" fil-limiti u l-kondizzjonijiet tal-linji gwida dwar l-Għajnuna Statali fis-settur ta' l-avjazzjoni.

— f'setturi oħrajn, jekk l-effetti tal-liberalizzazzjoni tas-swieq Komunitarji li qabel kienu magħluqin għall-kompetizzjoni ħolqu kondizzjonijiet ekonomiċi ġodda, jistgħu jiġu konsidrati derogi.

⁽⁴⁾ Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, l-għajnuna mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 1996 lil intrapriżi fir-RCF ta' qabel u dikjarati kompatibbli mas-suq komuni mill-Kummissjoni m'huwiex qiegħda tittieħed konsiderazzjoni tagħhom. Barra minhekk, il-paragrafu ma japplikax għal każi ta' għajnuna lil dawn l-intrapriżi notifikati qabel il-31 ta' Diċembru 2000. Madankollu, l-Kummissjoni taħseb li l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni normalment tkun trid tingħata darba u tezemainna dawn il-każi skond dan il-prinċipju.

⁽¹⁾ Rigward għajnuna mhix notifikata, il-Kummissjoni tikkunsidra fl-analiżi tagħha tal-possibilitajiet li l-għajnuna setgħet tiġi dikjarata kompatibbli mas-suq komuni aktar milli bħala għajnuna għar-ristrutturazzjoni.

(c) it-tlestija u l-amministrazzjoni supervizata mill-qorti u l-bejgħ tal-kumpannija l-antika m'humiex sempliċiment mezz biex jinħarab il-prinċipju "ta' darba, l-aħħar darba" (il-Kummissjoni tista' tiddetermina li dan huwa l-kah meta, per eżempju, d-diffikultajiet li qiegħed jiltaqa' magħhom ix-xerrej kienu kjarament prevedibbli meta ħa l-pussess ta' l-attivitajiet tal-kumpannija l-antika).

(51) Għandu, madanakollu, jiġi enfasizzat li, ladarba din hi għaj-nuna għal investiment inizjali, għaj-nuna għax-xiri ta' l-attivi ma tistax tkun awtorizzata taħt dawn il-Linji Gwida (ara wkoll il-punt 7).

3.2.4. Emendi għall-pjan ta' ristrutturatur

(52) Fejn l-għaj-nuna għar-ristrutturatur hi approvata, l-Istat Membru konċernat jista', waqt il-perjodu ta' ristrutturatur, jistaqsi lill-Kummissjoni biex taqbel ma' tibdiliet li qegħdin isiru lill-pjan ta' ristrutturatur u l-ammont tal-għaj-nuna. Il-Kummissjoni tista' tħalli dawn it-tibdiliet isiru fejn jintlaqgħu dawn il-kondizzjonijiet:

- (a) il-pjan wara r-reviżjoni għandu juri ritorn lejn il-vijabbiltà skond skeda ta' ħin raġonevoli;
- (b) jekk l-ammont ta' l-għaj-nuna jiżdied, kul miżura kompensatorja rekwiżita għandha tkun aktar estensiva minn dawk inizjalment imposti;
- (c) jekk il-miżuri kompensatorji proposti huma iżgħar minn dawk inizjalment proposti, l-ammont ta' għaj-nuna għandu jkun ridott b'mod korrispondenti;
- (d) l-iskeda l-għdida għall-implimentazzjoni tal-miżuri kompensatorji tista' tittardja meta mqabbla ma' l-iskeda inizjalment adottata biss għal raġunijiet li jmorru l hinn mill-kontroll tal-kumpannija jew ta' l-Istat Membru. Jekk dan m'humiex il-każ, l-ammont tal-għaj-nuna għandu jkun korrispondentament ridott.

3.2.5. Għaj-nuna għal ristrutturatur f'naħat meġhuna

(53) Billi l-koeżjoni ekonomika u soċjali hi għan primarju tal-Komunità skond l-Artikolu 158 tat-Trattat ta' l-UE u politiċi oħrajn huma rikjesti li jikkontribwixxu għal dan l-għan skond l-Artikolu 159 ⁽¹⁾, il-Kummissjoni trid tikkonsidra l-bżonnijiet ta' l-iżvilupp reġjonali meta tagħti għaj-nuna għar-ristrutturatur f'naħat assistiti. Il-fatt li ditta f'diffikulta tinsab f'żona ta' għaj-nuna madankollu ma jiġġustifikax

⁽¹⁾ L-Artikolu 159 tat-Trattat KE jipprovi *inter alia* li "il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tal-Komunità u l-implimentazzjoni tas-suq intern għandhom jikkonsidraw l-għanijiet li hemm fl-Artikolu 158 u għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu".

approċċ permissiv fir-rigward ta' għaj-nuna għal ristrutturaturazzjoni: fuq żmien medju u fit-tul ma tiġix provduta għaj-nuna li sservi bħala furcina artifiċjali għall-imsemmija kumpanniji. Barra minhekk, meta tikkonsidra r-risorsi limitati biex jiġi promoss l-iżvilupp reġjonali huwa fl-istess interess tar-reġjuni li japplikaw dawn ir-risorsi rari biex jiżviluppaw kemm jista' jkun malajr attivitajiet alternattivi li huma vjabbli u sostenibbli. Fl-aħħar, it-tagħwiġ fil-kompetizzjoni għandu jkun minimizzat anke fil-każ ta' għaj-nuna lil ditti f'naħat assistiti.

(54) Għalhekk, il-kriterji mniżżlin f'punti 29 sa 52 huma ugwalment applikabbli għal naħat assistiti, anke meta l-bżonnijiet ta' l-iżvilupp reġjonali jkunu kunsidrati. F'naħat assistiti, madanakollu, u jekk mhux stipulat differenti f'regoli dwar Għaj-nuna ta' l-Stat f'settur partikolari, l-kondizzjonijiet għall-awtorizzatur ta' għaj-nuna jistgħu jkunu inqas iebes fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' miżuri kompensatorji. Jekk il-bżonnijiet ta' iżvilupp reġjonali jiġġustifikawha, r-riduzzjoni fil-kapaċità mitluba tkun iżgħar f'naħat assistiti milli f'naħat mhux assistiti u ssir distinzjoni bejn naħat eliġibbli għal għaj-nuna reġjonali skond l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat u dawk eliġibbli skond l-Artikolu 87(3)(c) biex tittieħed kunsiderazzjoni tas-severità akbar tal-problemi reġjonali fin-naħat assistiti.

3.2.6. Għaj-nuna biex jiġu ristrutturaturati intrapriżi żgħar u medji.

(55) Għaj-nuna lil ditti fil-kategorija taż-żgħar u medji ⁽²⁾ għandha l-ħabta li taffettwa inqas il-kondizzjonijiet tan-negożju minn dik mogħtija lil ditti akbar. Dan japplika wkoll għal għaj-nuna għal ristrutturatur, biex b'hekk il-kondizzjonijiet imniżżlin f'punti 29 sa 47 huma applikati b'mod anqas strett: l-għoti ta' għaj-nuna għal ristrutturatur lil SMEs ġeneralment ma tkunx magħquda ma' miżuri kompensatorji (ara l-punti 35 sa 39), dejjem jekk ma jkunx stipulat mod ieħor fir-regoli dwar Għaj-nuna ta' l-Stat f'settur partikolari; u r-rekwiżiti dwar il-kontenut ta' rapporti jkunu anqas iebesin (ara l-punti 45, 46 u 47). Mill-banda l-oħra, il-prinċipju "ta' darba, l-aħħar darba" (il-punti 48 sa 51) japplikaw bis-sħiħ għall-SMEs.

3.2.7. Għaj-nuna biex jintlaqgħu l-ispejjeż soċjali tar-ristrutturaturazzjoni

(56) Il-pjanijiet ta' ristrutturatur normalment jinkludu riduzzjoni jew it-telqa għal kollox ta' l-attivitajiet konċernati. Dawn l-abbanduni huma ħafna drabi neċessarji fl-interess tar-razzjonalizzazzjoni u l-effiċjenza, barra riduzzjonijiet

⁽²⁾ Kif definit fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 1996 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar u medji (ĠU L 107, tat-30.4.1996, p. 4).

fil-kapaċità li jistgħu jkunu rikjesti bħala kondizzjoni biex tingħata l-ghajjnuna (partikolarment f'każi fejn hemm eċċess strutturali fil-kapaċità tal-prodott fuq livell Komunitarju jew taż-ŻEE ara l-punti 35 sa 39). Huma x'inhuma r-raġunijiet għalihom, dawn il-miżuri ġeneralment iwasslu għal riduzzjoni fin-numru ta' ħaddiema tal-kumpannija.

(57) Il-leġislażżjoni tax-xogħol ta' l-Istati Membri tista' tinkludi skemi ġenerali ta' sigurtà soċjali li taħtom jitħallsu benefiċċji tal-qgħad jew pensjonijiet għal irtirar kmieni direttament lill-impjegati li spiċċaw bla xogħol. Dawn l-iskemi m'għandhomx jitqiesu bħala Ghajjnuna ta' l-Stat skond l-iskop ta' l-Artikolu 87(1) sakemm l-Istat ma jkollux direttament x'jaqsam ma' l-impjegati u l-kumpannija m'hiex involuta.

(58) Barra benefiċċji direttament relatati mat-telf ta' l-impjieg u dispożizzjonijiet għal irtirar kmieni ta' ħaddiema, skemi ġenerali ta' ghajjnuna soċjali ħafna drabi jipprovdu li l-Gvern joħroġ l-ispejjeż tal-benefiċċji li l-kumpannija tagħti lill-ħaddiema li spiċċaw bla xogħol u li jmorru 'l hinn mill-obbligazzjonijiet statutorji u kuntrattwali tagħha. Fejn jinsabu dawn l-iskemi ġeneralment mingħajr limitazzjonijiet settorjali għal kull ħaddiem li jissodisfa kondizzjonijiet definiti minn qabel u ta' eliġġibiltà awtomatika, dawn ma jitqisux li jinvolvu ghajjnuna taħt l-Artikolu 87(1) għal ditti li għaddejjin minn ristrutturar. Min-naħa l-oħra, jekk l-iskemi jintużaw biex jissaħħaħ ir-ristrutturar f'industriji partikolari, jistgħu jkunu jinvolvu l-ghajjnuna minħabba l-mod selettiv li bih jintużaw ⁽¹⁾.

(59) L-obbligazzjonijiet li kumpannija nfisha għandha, taħt il-leġislażżjoni ta' l-impjieg jew ftehim kollettiv ma' *trade unions*, li tipprovdi benefiċċji għal tmien ta' impjieg u/jew pensjonijiet għal irtirar kmieni huma parti mill-ispejjeż normali ta' negozju li ditta għandha taqdi mir-riżorsi tagħha. Ladarba huwa hekk, kull kontribut ta' l-Istat għal dawn l-ispejjeż għandu jitqies bħala ghajjnuna. Dan hu minnu irrispettivament jekk il-ħlas isirx direttament lill-kumpannija jew jekk ikunx amministrat minn aġenzija tal-gvern lill-impjegati.

(60) Il-Kummissjoni tħares b'mod pożittiv lejn din l-ghajjnuna, għaliex iġġib benefiċċji ekonomiċi lil jmorru 'l hinn mill-interessi tad-ditta konċernata, jiffaċilitaw il-bdil strutturali u jirriduċu t-tbatija, u ġeneralment jintużaw biex jillivellaw

id-differenzi fl-obbligazzjonijiet li l-kumpannija jkollhom skond il-leġislażżjoni nazzjonali.

(61) Barra li jissodisfaw l-ispejjeż relatati mat-telf ta' impjieg u irtirar kmieni, l-ghajjnuna ġeneralemnt hi provduta ma' każ partikolari ta' ristrutturar għal taħriġ, għoti ta' pariri u ghajjnuna prattika biex jinstab impjieg alternattiv, assistenza għal rilokazzjoni, u taħriġ professjonali u assistenza lil impjegati li jixtiequ jibdeu negozji ġodda. Il-Kummissjoni konsistentament għandha idea favorevoli ta' din l-ghajjnuna.

(62) It-tip ta' ghajjnuna deskritta f'punti 56 sa 61 għandha tkun kjarment identifikata fil-pjan ta' ristrutturazzjoni, għaliex ghajjnuna għal għanijiet soċjali esklussivament għall-benefiċċju ta' impjegati li spiċċaw bla xogħol m'hiex meqjusa għall-iskop ta' l-iddeterminar tal-kobor tal-miżuri kompensatorji li hemm referenza għalihom fil-punti 35 sa 39.

(63) Sond l-interess komuni, il-Kummissjoni tiżgura li fil-kuntest tal-pjan ta' ristrutturar l-effetti soċjali tar-ristrutturar fuq l-Istati Membri barra minn dak li qiegħed jagħti l-ghajjnuna jinżammu kemm jista' jkun baxxi.

4. SKEMI TA' GĦAJNUNA GĦAL SMES

4.1. IL-PRINĊIPJI ĠENERALI

(64) Il-Kummissjoni tawtorizza skemi ta' ghajjnuna għal salvazzjoni u/jew ristrutturar ta' intrapriżi żgħar jew medji f'diffikultà biss fejn id-ditti konċernati jikkorrispondu mad-definizzjoni Komunitarja ta' SMEs. Skond id-dispożizzjonijiet speċifiċi li ġejjin, il-kompatibbiltà ta' dawn l-iskemi tkun eżaminata fid-dawl tal-kondizzjonijiet li hemm fil-kapitoli 2 u 3. Kull ghajjnuna mogħtija taħt skema u li ma tissodisfax waħda minn dawn il-kondizzjonijiet għandha tkun notifikata individwalment u approvata minn qabel mill-Kummissjoni.

4.2. L-ELIĠIBILITÀ

(65) Jekk ma jkunx stipulat mod ieħor f'regoli dwar Ghajjnuna ta' l-Stat f'settur partikolari, l-għotjiet ta' l-ghajjnuna, taħt skemi awtorizzati minn issa 'l quddiem, lil impriżi żgħar u medji ikunu eżentati minn notifika individwali biss fejn l-intrapriża konċernata taqdi ta' inqas wieħed minn tliet kriterji li jinsabu f'punt 5. Ghajjnuna lil intrapriżi li ma jilħqux wieħed minn dawn il-kriterji għandha tkun notifikata individwalment lill-Kummissjoni sabiex hi tkun tista' teżamina jekk jikkwalifikawx bħala ditti f'diffikultà.

⁽¹⁾ Fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru 1996 fil-Każ C-241/94, (Franza v il-Kummissjoni (1996) ECR I-45 51), tat-Trattat. (Is-sentenza tal-Qorti ma dubbitax il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-ghajjnuna kienet kompatibbli mas-suq komuni.)

4.3. KONDIZZJONIJIET GĦALL-AWTORIZZAZZJONI TA' SKEMI TA' GĦAJNUNA GĦAS-SALVAZZJONI

(66) Sabiex ikunu approvati mill-Kummissjoni, skemi ta' għaj-nuna għal salvazzjoni jridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet:

(a) Għajnuna għas-salvazzjoni tista' tingħata għal mhux aktar minn sitt xhur, li matulhom għandha ssir analiżi tal-pożizzjoni tad-ditta. Qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu l-Istat Membru għandu jew japprova pjan ta' ristrutturatur jew pjan ta' likwidazzjoni, jew jitlob li jin-tradd lura s-self u l-għajnuna korrispondenti għall-premjum ta' riskju mill-benefiċjarju.

Kull għajnuna għal salvazzjoni mogħtija għal aktar minn sitt xhur għandha tkun individwalment notifikata lill-Kummissjoni.

4.4. KONDIZZJONIJIET GĦALL-AWTORIZZAZZJONI TA' SKEMI TA' GĦAJNUNA GĦAL RISTRUTTURIZZAZZJONI.

(67) Il-Kummissjoni tawtorizza skemi ta' għajnuna għal ristrutturatur biss jekk l-għoti ta' l-għajnuna hi soġġetta wara l-implimentazzjoni sħiħa ta' pjan ta' ristrutturatur mir-riċipjenti li jkun approvat mill-Istat Membru konċernat u jaqdi dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) *Ir-restawr tal-vjabbiltà*: il-kriterji li hemm f'punti 31 sa 34 japplikaw;

(b) *L-evitar ta' tagħwiġ mhux meħtieġ tal-kompetizzjoni*: ladarba l-għajnuna lill-SMEs għandha l-ħabta li tgħawweġ inqas lill-kompetizzjoni, l-prinċipju li hemm f'punti 35 sa 39, jiġifieri li l-preżenza tad-ditta riċipjenti fis-suq/swieq rilevanti għandha tiġi ridotta, ma japplikax jekk m'huwiex stipulat hekk f'regoli dwar Għajnuna ta' l-Stat f'settur partikolari. L-iskemi għandhom madankollu jipprovdu li d-ditti riċipjenti ma jżidux il-kapaċità tagħhom waqt il-pjan ta' ristrutturatur;

(c) *L-għajnuna tkun limitata għall-minimu neċessarju*: il-prinċipji li hemm f'punti 40 u 41 japplikaw;

(d) *Il-prinċipju "ta' darba, l-aħħar darba"*: ir-regola stabbilita f'punti 48 sa 51 japplikaw. Madankollu, l-Istati Membri għandhom javżaw b'miżuri individwalment lill-Kummissjoni fejn issir eċċezzjoni għal dan il-prinċipju:

(i) f'ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li għalihom il-kumpannija ma kenitx responsabbli;

(ii) fejn ditta tieħu attivi ta' ditta oħra li diġà rċeviet għajnuna ta' salvazzjoni jew ristrutturazzjoni;

(e) *Emenda għall-pjan ta' ristrutturatur*: kull tibdil fil-pjan irid jaqbel mar-regoli li hemm f'punt 52.

4.5. KONDIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI TA' SKEMI TA' GĦAJNUNA GĦAL SALVAZZJONI U/JEW RISTRUTTURIZZAZZJONI

(68) L-iskemi għandhom jispeċifikaw l-ammont massimu tal-għajnuna li tista' tingħata lil xi ditta waħda bħala parti minn operazzjoni ta' salvar u/jew ristrutturatur, inkluż fejn il-pjan ikun modifikat. Kull għajnuna li taqbeż dak l-ammont għandha tkun notifikata individwalment lill-Kummissjoni. L-ammont massimu ta' għajnuna ma jistax ikun aktar minn 10 miljun EUR, li jinkludi kull għajuna minn sorsi oħrajn jew taħt skemi oħrajn.

4.6. MONITERAGG U RAPPORTI ANNWALI.

(69) Il-Punti 45, 46 u 47 ma japplikawx għal dawn l-iskemi ta' l-għajnuna. Madankollu, kondizzjoni ta' l-approvar se tkun li jiġu preżentati rapporti fuq l-operazzjoni ta' l-iskema, normalment fuq bażi annwali, li jinkludu l-informazzjoni speċifikata fl-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni fuq ir-rapporti standardizzati ⁽¹⁾. Ir-rapporti jridu jinkludu wkoll lista tad-ditti benefiċjarji kollha li tindika, għal kull waħda minnhom:

(a) l-isem tal-kumpannija;

(b) il-kodiċi settorjali tagħha, bl-użu tal-kodiċi tal-klassifikazzjoni settorjali b'żewġ diġtali NACE ⁽²⁾;

(c) in-numru ta' impjegati;

(d) il-valur tal-bejgħ ta' kull sena u l-valur skond il-karta tal-bilanċ;

(e) l-ammont ta' għajnuna mogħtija;

(f) fejn hu xieraq, kull għajnuna għal ristutturatur, jekk xi għajnuna oħra meqjusa hekk, li rċeviet fil-passat;

⁽¹⁾ Ara l-ittra lill-Istati Membri tat-22 Frar 1994: Il-Liġi tal-Kompetizzjoni fil-Komunitajiet Ewropej, Vol. IIA.

⁽²⁾ Klassifikazzjoni ta' statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea, ippubblikati mill-Uffiċċju għall-Istatistika, Uffiċċju tal-Komunitajiet Ewropej.

(g) jekk il-kumpannija benefiċjarja kinitx f'diffikultajiet serji jew fi proċeduri ta' falliment kollettiv qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ristutturizzazzjoni.

għas-settur agrikolu (produzzjoni, proċessar u *marketing*). F'dak is-settur u taħt skemi ta' għajjnuna awtorizzati minn issa 'l quddiem, l-għoti ta' għajjnuna lil SMEs li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet li hemm f'dan il-punt jistgħu madankollu jiġu eżentati minn notifikazzjoni individwali.

5. DISPOSIZZJONIJET APPLIKABBLI GĦAL GĦAJNUNA GĦAL RISTRUTTURAR FIS-SETTUR AGRIKOLU ⁽¹⁾

5.1. IR-RIDUZZJONIJET FIL-KAPAĊITÀ

(70) Il-punti 35 sa 39, u 55 u 67(b) jipprovdur li l-bżonn għal miżuri kompensatorji normalment m'huwiex applikat f'każ ta' intrapriżi żgħar jew medji, ħlief jekk ma jkunx stipulat mod ieħor f'regoli għall-għajjnuna speċifiċi għas-settur Statali. Fis-settur agrikolu, l-Kummissjoni ġeneralment titlob miżuri kompensatorji, skond il-prinċipji li hemm f'punti 35 sa 39, li għandhom isiru mir-riċepjenti kollha tal-għajjnuna għal ristrutturatur, irrispettivament mid-daqs tagħhom. Madankollu, l-Istati Membri alternattivament jistgħu japplikaw ir-regoli speċjali għall-agrikoltura li hemm f'punti 73 sa 82.

5.2. DEFINIZZJONI TA' KAPAĊITÀ EĊĊESSIVA

(71) Fis-settur agrikolu u għall-għajnijiet ta' dawn il-Linji Gwida, kapaċità strutturali eċċessiva hi definita mill-Kummissjoni skond kull kas billi tikkunsidra:

(a) l-kobor u t-tendenza għall-kategorija rilevanti tal-prodott fuq l-aħħar tliet snin ta' miżuri ta' stabilizzazzjoni tas-suq, speċjalment rifondar għall-esportazzjoni u għid lura mis-suq, l-iżvilupp tal-prezzijiet fis-suq dinji, u l-preżenza ta' limiti fis-settur fil-leġislazzjoni tal-Komunità. Prodotti primarji soġġetti għal kwoti ta' produzzjoni għandhom jitqiesu li m'għandhomx kapaċità eċċessiva;

(b) rigward is-sajd u l-akwakultura, l-fatturi speċifiċi tas-settur u r-regoli Komunitarji li jmexxuh, u b'mod partikolari l-Linji Gwida għall-eżami ta' l-Għajjnuna ta' l-Stat għas-sajd u għall-akwakultura ⁽²⁾ u r-Regolazzjoni tal-Kunsill (KE) Nru 2468/98 ⁽³⁾.

5.3. ELIĠIBILTÀ GĦAL SKEMI TA' GĦAJNUNA GĦAL SALVAZZJONI U RISTRUTTURIZZAZZJONI

(72) Il-punt 65, li jikkonċerna l-eliġibbiltà ta' l-SMEs għal skemi ta' għajjnuna għal salvazzjoni jew ristrutturatur u b'mod aktar speċifiku l-eżenzjoni mill-bżonn li jiġu notifikati individwalment kull għoti ta' għajjnuna bħal din, ma japplikawx

⁽¹⁾ Tkopri, għall-fini ta' dawn il-Linji Gwida, l-operaturi kollha involuti fil-produzzjoni ta', u/jew negozju fi, prodotti ta' l-Anness I tat-Trattat, inklużi s-sajd u l-akwakultura, imma b'konsiderazzjoni wkoll ta' fatturi speċifiċi tas-settur u r-regoli Komunitarji li jmexxuh.

⁽²⁾ ĠU C 100, 27.03.97, p. 12.

⁽³⁾ ĠU L 312, 20.11.98, p. 19.

5.4. RIDUZZJONI FIL-KAPAĊITÀ

(73) Il-Kummissjoni, wara t-talba ta' l-Istat Membru konċernat, u bħala alternattiva għad-dispożizzjonijiet ġenerali f'dawn il-Linji Gwida li jikkonċernaw ir-riduzzjoni fil-kapaċità, tapplika dawn id-dispożizzjonijiet għal operaturi fis-settur agrikolu.

(a) Każ Ġenerali

(74) Fejn hemm eċċess strutturali fil-kapaċità produttiva, l-bżonn ta' riduzzjoni irriversibbli jew kapaċità ta' l-għeluq li jidhru f'punti 35 sa 39 japplikaw. Madankollu, fil-każ tal-produzzjoni agrikola primarja, dan ir-reqwizit hu mibdul mar-reqwizit li r-riduzzjoni fil-kapaċità jew tal-għeluq tkompli ta' l-inqas għal 5 snin, kif ġej:

(i) għal miżuri magħmulin għal prodotti jew operaturi partikolari r-riduzzjoni fil-kapaċità produttiva għandha normalment tilħaq is-16 % ⁽⁴⁾ ta' dak għaliha li l-għajjnuna għar-ristutturatur hi effettivament mogħtija;

(ii) għal miżuri oħra li m'humwiex immarkati b'dan il-mod il-kapaċità riduttiva ta' hawn fuq normalment trid tilħaq it-8 % ⁽⁴⁾ tal-valur tal-ħruġ ta' prodotti b'eċċess strutturali li għalihom l-għajjnuna sturturali hi effettivament mogħtija.

(75) Fid-determinar ta' l-eliġibbiltà għal, u l-ammont ta', l-għajjnuna għar-ristutturatur, ma għandux jittieħed kont tat-tagħbijiet biex jintlaħqu l-kwoti Komunitarji u dispożizzjonijiet relattati applikabbli fuq il-livell ta' l-operaturi individwali.

(b) Każ speċjali għal intrapriżi agrikoli żgħar (SAEs)

(76) Għall-għajnijiet ta' dawn il-Linji Gwida SAEs huma definiti bħala daww l-operaturi fis-settur agrikolu li ma għandhomx aktar minn 10 *units* tax-xoġhol annwali.

⁽⁴⁾ Għal għajjnuna għal ristrutturatur mogħtija f'naħat assistiti, inklużi reġjuni anqas favoriti, ir-reqwizit ta' riduzzjoni fil-kapaċità ikun ridott b'żewġ punti perċentwali.

- (77) Għall-SAEs, ir-reqwizit tal-kapaċità ridotta irriversibbilment jeew magħluqa għandha titqies li għandha tintlaħaq fil-livell tas-suq rilevanti (mhux neċessarjament tinvolvi esklussivament jew ukoll xi wieħed mill-benefiċjarji tal-għajjnuna għar-ristrutturar). Soġġett għall-qbil mad-dispożizzjonijiet tal-politika agrikola komuni, l-Istati membri jistgħu jagħżlu liema sistema għal riduzzjoni fil-kapaċità jridu japplikaw għas-SAEs:
- (i) għal miżuri mmirati lejn prodotti jew operaturi partikolari s-sistema fl-Istat Membru rilevanti tnaqqas il-kapaċità produttiva ta' prodott/i b'eċċess strutturali ta' 10 % ⁽²⁾ ta' dak li hu effettivament mogħti bħala għajjnuna strutturali;
- (ii) għal miżuri oħra mhux immarkati b'dan il-mod, din ir-riduzzjoni fil-kapaċità għandha tilħaq il-5 % ⁽¹⁾ tal-valur tal-hurġ tal-prodotti b'eċċess strutturali li għalihom l-għajjnuna strutturali li effettivament mogħtija. Din ir-riduzzjoni tista' tkun prodott li attwalment jibbenifikaw mill-għajjnuna għal ristrutturar jew prodott oħra li jidhru fl-Annessi b'eċċess strutturali.
- L-Istat Membru għandu juri wkoll li r-riduzzjoni fil-kapaċità tkun supplimentari għal kull prodott applikabbli fl-assenza ta' għajjnuna għal ristrutturar.
- (78) Fejn ir-riduzzjoni fil-kapaċità mhiex imfittxa fuq il-livell tal-benefiċjarju tal-għajjnuna, miżuri biex tintlaħaq ir-riduzzjoni għandhom ikunu implimentati mhux aktar tard minn sentejn wara l-għan li jrid jintlaħaq kif imniżżel fpunti 79, 80 u 81 ikun intlaħaq.
- (c) *Ċirkostanzi partikolari għall-operaturi kollha fis-settur agrikolu*
- (79) F'dan is-settur anke ammonti żgħar ta' għajjnuna huma kapaċi li jilhq u l-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat. Madankollu, b'rikonossiment tal-problemi prattiċi assoċjati mar-riduzzjoni fil-kapaċità fil-livell tal-produzzjoni agrikola primarja (u b'mod indirett fl-iproċessar u l-marketing ta' prodott taħt l-Anness I tat-Trattat), imma wkoll b'rikonossiment ta' l-interess komuni biex ikun hemm eliġibbiltà taħt l-Artikolu 87(3)(ċ), il-Kummissjoni, bħala ħsara għall-aderenza għall-konklużjonijiet l-oħrajn kollha, tneħħi r-riduzzjoni fil-kapaċità f'dawn iċ-ċirkostanzi
- (i) għal miżuri mirati għal kull kategorija partikolari ta' prodott jew operaturi, fejn it-totalità tad-deċiżjonijiet meħudin favur il-benefiċjarji kollha matul il-perjodu ta' tnax-il xahar konsekuttivi ma jinvolvux kwantità ta' prodott li jeċċedu t-3 % tal-produzzjoni annwali totali ta' dawn il-prodotti f'dak il-pajjiż;
- (ii) għal miżuri oħrajn li ma għandhomx dan l-għan, fejn it-totalità tad-deċiżjonijiet meħudin favur il-benefiċjarji matul il-perjodu ta' tnax-il xahar konsekuttivi ma jinvolvux il-valur ta' prodott li jeċċedi l-1,5 % tal-valur annwali totali tal-produzzjoni agrikola f'dak il-pajjiż.
- (80) Fuq talba ta' l-Istat Membru konċernat, ir-referenzi ġeografiċi taħt (i) u (ii) tal-punt 79 jistgħu, għal kull miżura, ikunu determinati fuq livell reġjonali. Fil-każi kollha, it-tkejjil tal-produzzjoni ta' pajjiż (jew ta' reġjun) għandha tkun ibbażata fuq livelli normali tal-produzzjoni (b'mod ġenerali, il-medja tat-tliet snin ta' qabel), u, rigward il-kwantità jew il-valur tal-produzzjoni ta' benefiċjarji, għandha tkun rapreżentattiva ta' dik ta' l-intrapriża tagħhom qabel ma ttehdet id-deċiżjoni li tingħata l-għajjnuna.
- (81) Eżenzjoni mir-reqwizit ta' riduzzjoni fil-kapaċità fl-ebda każ ma timplika tolleranza ta' għajjnuna f'forma ta' investiment relatata ma' attivitajiet soġġetti għal limiti settorjali.
- (82) F'każi fejn il-limiti għall-eżenzjoni mir-riduzzjoni fil-kapaċità li joħorġu minn punti 79, 80 u 81 jinqabżu:
- (i) ir-riduzzjoni fil-kapaċità li għandha tintlaħaq għandha tkun determinata fuq il-bażi tal-kapaċità tat-total megħjun, u mhux biss fuq dik il-parti li taqbeż il-mira;
- (ii) fejn jidhru benefiċjarji li m'humiex SAEs li kienu diġà aċċettati għal għajjnuna qabel ma ntlaħqu l-miri, ir-riduzzjoni fil-kapaċità tista' tintlaħaq b'miżuri analoġi għal dawk għal SAEs skond il-punti 76, 77 u 78.
- (83) Il-prinċipju li għajjnuna għal ristrutturar għandha tingħata darba biss tapplika wkoll għas-settur agrikolu. Madankollu, b'deroga minn punti 48 sa 51 u 67, li jirrigwardaw għotjiet individwali u skemi ta' salvat u ristrutturar li jikkonċernaw il-produzzjoni agrikola primarja, il-perjodu li fih aktar għajjnuna ma tistax tingħata ħliet f'ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li għalihom il-kumpannija ma kinitx

⁽¹⁾ Għal għajjnuna għal ristrutturar mogħtija f'naħat assistiti, inklużi reġjuni anqas favoriti, r-reqwizit ta' riduzzjoni fil-kapaċità ikun ridott b'żewġ punti perċentwali.

5.5. IL-KONDIZZJONIJET "TA' DARBA, L-AĦĦAR DARBA"

responsabbli huwa ta' ħames snin. Derogi minn dan il-prinċipju ma għandhomx isiru ghalieq ikunu notifikati individwalment lill-Kummissjoni, ladarba jkunu saru skond il-kondizzjonijiet li hemm fl-iskema u jkunu approvati mill-Kummissjoni. Emendi għal skemi għal salvazzjoni u ristrutturatur li huma mehsubin biex jikkunsidraw l-iżviluppi fis-suq li ma setgħux ikunu previsti meta l-iskemi kienu approvati mill-Kummissjoni jkunu eżaminati waħda waħda.

5.6. MONITERAGG U RAPPORT ANNWALI

- (84) Ir-regoli li hemm fil-Kapitoli 3 u 4 japplikaw għall-monitraġġ u r-rapporti annwali fis-settur agrikolu, ħlief għall-obbligazzjoni li tingħata lista tal-benefiċjarji kollha u ċerta informazzjoni fuq kull punt fihom(il-punti 69(a) sa (g)). Dawn l-obbligazzjonijiet ma japplikawx għal skemi għal SAEs.
- (85) Fejn ikun sar rikors għad-dispożizzjonijiet fil-punti 73 sa 82, ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni li turi jew:
- (a) il-kwantità jew valur tal-produzzjoni li effettivament ibbenefikat mill-ghajjnuna għar-ristrutturatur, u informazzjoni dwar ir-riduzzjoni fil-kapaċità li ntlah- qet biex jiġu segwiti dwak il-punti; jew
 - (b) li l-kondizzjonijiet għal eżenzjoni minn riduzzjoni fil-kapaċità skond il-punti 79, 80 u 81 ikunu ntlaħqu.

5.7. DEFINIZZJONI TA' "NAĦAT ASSISTITI"

- (86) Għall-iskop ta' dawn il-Linji Gwida, "naħat assistiti" (ara l-punti 53 u 54) għandhom jinkludu wkoll, għal operaturi fis-settur agrikolu, in-naħat l-inqas iffavoriti definiti mir-Regolazzjoni tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 fuq ghajjnuna għal żvilupp rurali mill-Fond Ewropew għall-Gwida u Garanzija Agrikola(EAGGF) u l-emendar u ċ-ċaħda ta' ċerti Regolazzjonijiet (1).

6. MIŻURI XIERQA TAĦT L-ARTIKOLU 88(1)

- (87) Il-Kummissjoni qiegħda ttipponi, taħt l-Artikolu 88(1) tat-Trattat, li l-Istati Membri jadottaw miżuri xierqa kif jidher hawn taħt, fejn jidħlu l-iskemi għall-ghajjnuna eżistenti. Il-Kummissjoni tawtorizza kull skema futura taħt il-kondizzjoni li jkun hemm qbil mad-dispożizzjonijiet li ta' hawn isfel.

6.1. NOTIFIKAZZJONI INDIVIDWALI TA' KULL GĦAJNUNA GĦAL INVESTIMENT TANĠIBBLI WAQT IL-PERJODU TA' RISTRUTTURA

- (88) Fejn intrapriża kbira tirċievi ghajjnuna għal ristrutturatur eżaminata taħt dawn il-Linji Gwida, l-għotja ta' kull ghajjnuna

oħra fforma ta' investment waqt il-perjodu ta' ristrutturatur, anke skond l-iskema li tkun diġà ġiet awtorizzata, tista' tinfluwenza l-eżami li l-Kummissjoni tkun għamlet tad-daqs tal-miżuri kompensatorji meħtieġa.

- (89) Waqt il-perjodu tar-ristrutturatur ta' din l-intrapriża, kull ghajjnuna li tinkoraġġixxi investment tanġibbli (kemm jekk tkun biex tippromwovi żvilupp reġjonali, l-protezzjoni ta' l-ambjent jew xi oġġettiv ieħor) mogħtija wara t-30 ta' Ġunju 2000 għandha tkun individwalment notifikata, sakemm ma tkunx taqa' taħt ir-regola *de minimis* (2).

6.2. IL-BŻONN LI L-KUMMISSJONI TIĠI INFORMATA B'KULL GĦAJNUNA MOGĦTIJA LID-DITTA RECIPIJENTI

- (90) Fejn intrapriża kbira tirċievi ghajjnuna għal ristrutturatur eżaminata f'dawn il-Linji Gwida, il-monitraġġ ta' l-implimentazzjoni sodisfaċenti tad-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar din l-ghajjnuna titlob ammont kbir ta' trasparenza rigward kull ghajjnuna oħra li d-ditta tista' tirċievi, anke skond skema li kienet diġà awtorizzata u anke fejn din l-ghajjnuna mhijiex soġġett għal notifikazzjoni individwali taħt il-punti 88 u 89.

- (91) B'effett mit-30 ta' Ġunju 2000, in-notifikazzjonijiet għal ghajjnuna għal ristrutturatur ta' intrapriża kbira jridu jindikaw, għall-informazzjoni, kull tip ta' ghajjnuna oħra li hi pjanata li tingħata lid-ditta reċipjenti waqt il-perjodu tar-ristrutturatur, sakemm ma tkunx taqa' taħt ir-regola *de minimis*.

- (92) Bl-istess mod, ir-rapporti li jridu jingħataw skond il-punti 45, 46 u 47 ta' dawn il-Linji Gwida għandhom jindikaw kull ghajjnuna oħra mogħtija lid-ditta reċipjenti matul il-perjodu rilevanti, u kull ghajjnuna oħra li hi pjanata li tingħata lid-ditta reċipjenti waqt il-perjodu ta' ristrutturatur, sakemm ma tkunx taqa' taħt ir-regola *de minimis*.

- (93) Il-Kummissjoni tiriserva d-dritt li tibda proċeduri skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat kontra kull ghajjnuna lil ditta partikolari jekk l-għoti ta' ghajjnuna taħt skemi approvati tista' twassal biex jiġu minati l-ħtiġiet ta' dawn il-Linji Gwida.

(1) ĠU L 160, 26.06.99, p. 80.

(2) ĠU C 68, 06.03.96, p. 9.

6.3. L-ADATTAMENT TA' SKEMI GĦAL SALVAZZJONI U GĦAL RISTRUTTURAR EŻISTENTI FID-DAWL TA' DAWN IL-LINJI GWIDA

- (94) L-Istati Membri għandhom jadattaw l-iskemi eżistenti tagħhom għal salvazzjoni u ristrutturatur li se jibqgħu jiffunzjonaw sal-20 ta' Ġunju 2000 biex iġibuhom kompatibbli ma' dawn il-Linji Gwida, u partikolarment mar-rekwiżiti tal-Kapitolu 4, wara dik id-data.
- (95) Biex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-proċess ta' adattament, l-Istati Membri għandhom jagħtuha lista ta' dawn l-iskemi kollha qabel il-31 ta' Diċembru 1999. Huma għandhom ukoll, u dejjem qabel it-30 ta' Ġunju 2000, jipprovduha b'informazzjoni suffiċjenti biex tkun tista' tiċċekkja li l-iskemi tassew kienu modifikati skond dawn il-Linji Gwida.

7. ID-DĦUL FIS-SEĦĦ; ID-DURAZZJONI U R-REVIŻJONI TAL-LINJI GWIDA

7.1. EMENDI TAL-LINJI GWIDA GĦAL GĦAJNUNA REGIONALI

- (96) Il-punt 4.4 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna nazzjonali reġjonali ⁽¹⁾ hu hawnhekk emendat billi titneħħa mit-test il-kliem "jekk le" sat-tmiem ta' dak il-punt. Dak it-test esk-luda mill-iskop ta' "investment inizjali" x-xiri ta' stabbiliment mingħand ditta f'diffikultà, u għalhekk skwalifikaha minn għajnuna reġjonali. Din l-esklużjoni għalhekk ma taħdimx aktar, madanakollu, meta stabbiliment jinxtara minn ditta f'diffikultà, irid jintwera b'mod partikolari li l-kondizzjoni mniżżla f'punt 4.5, jiġifieri li t-transazzjoni saret skond il-kondizzjonijiet tas-suq, intlaħqet.

7.2. ID-DĦUL FIS-SEĦĦ U D-DAWMIEN

- (97) Bla ħsara għall-kondizzjonijiet imniżżlin hawn isfel, dawn il-Linji Gwida jidħlu fis-seħħ mad-data tal-pubblikazzjoni

tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Jibqgħu fis-seħħ, jekk ma jkunx stipulat mod ieħor b'deċiżjoni oħra, għal ħames snin.

7.3. GĦAJNUNA LIL SMES

- (98) Għajnuna biex jiġu salvati jew ristrutturati SMEs notifikati qabel it-30 ta' April 2000 (kemm jekk notifikati individwalment jew bħala skemi) se jiġu eżaminati fid-dawl tal-linji gwida fis-seħħ qabel l-adozzjoni ta' dan it-test. L-estensjoni ta' dawk il-linji gwida, li kienet innotifikata lill-Istati Membri u pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ta' l-10 ta' Marzu 1999 (ara n-nota tal-qiegħ 2) hi għalhekk imġedda għal din l-għajnuna.
- (99) Kull skema hi madankollu soġġetta għall-miżuri xierqa li hemm referenza għalihom f'punti 94 u 95 fejn l-iskema hi intiża li tibqa' topera sat-30 Ġunju 2000.

7.4. GĦAJNUNA LIL IMPRIŻI KBAR

- (100) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' hawn isfel, il-Kummissjoni teżamina l-kompattibbiltà mas-suq komuni ta' kull għajnuna għas-salvazzjoni jew ristrutturatur ta' intra-priżi kbar fuq il-bażi ta' dawn il-Linji Gwida ladarba jkun pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Madankollu, notifikazzjonijiet reġistrati mill-Kummissjoni qabel dik id-data jkun eżaminati skond il-kriterji applikabbli fil-ħin tan-notifikazzjoni.

7.5. GĦAJNUNA MHIX NOTIFIKATA

- (101) Il-Kummissjoni teżamina l-kompattibbiltà mas-suq komuni ta' kull għajnuna għas-salvazzjoni jew ristrutturatur mogħtija mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha u li għalhekk tmur kontra l-Artikolu 88(3) tat-Trattat:

(a) fuq il-bażi ta' dawn il-Linji Gwida jekk f'it jew l-għajnuna kollha hi mogħtija wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*;

(b) fuq il-bażi tal-Linji Gwida applikabbli fil-ħin li l-għajnuna nġhatat fil-każi l-oħrajn kollha.

⁽¹⁾ ĠU C 74, 10.03.98, p. 9.

ANNEX I

FORMOLA TA' NOTIFIKAZZJONI GĦAL GĦOTJIET INDIVIDWALI TA' GĦAJNUNA GĦAL RISTRUTTURAR

I. Informazzjoni dwar il-kumpannija

- L-isem tal-kumpannija;
- L-istat legali;
- Is-Settur li fih topera, bil-kodiċi NACE korrispondenti;
- L-ismijiet ta' l-azzjonisti ewlenin u emm hu kbir sehemhom;
- Il-lista tal-qbil ta' l-azzjonisti (il-kreazzjoni ta' *hard core* l-għażla għax-xiri, eċċ.);
- Jekk il-kumpannija tappartjeni għal grupp, kopja sħiħa u aġġornata tat-tqassim sħiħ tal-grupp, li turi r-relazzjonijiet bejn il-membri (drittijiet dwar kapital u għall-votazzjoni/jiet);
- Jekk il-kumpannija toriġina mix-xiri ta' attivi wara l-likwidazzjoni jew proċeduri amministrattivi mħarsin minn qorti, tagħti d-dettalji msemmijin hawn fuq ukoll għad-ditta/i konċernata/i;
- Il-lokalità tas-siti produttivi ewlenin madwar id-dinja, bin-numru tal-ħaddiema;
- Jekk il-kumpannija hi trattata bħala SME, l-Istat Membru jrid jissupplixxi evidenza li hi taqdi l-kriterji kollha skond id-definizzjoni tal-Komunità. Jekk dan ikun il-każ, irid jispejega għaliex il-kumpannija ma tikkwalifikax għal skema ta' għajnuna għal ristrutturatur għal SMEs (jew mhemmx skema bħal din jew il-kumpannija ma taqdx il-kriterji għall-eliġibbiltà);
- Kopja ta' l-aħħar kontijiet ta' qligħ u telf (jekk hu possibbli) jew ta' l-inqas ta' l-aktar wieħed riċenti;
- Kopja ta' kull deċiżjoni tal-qorti li tappunta amministratur jew tiftaħ investigazzjoni dwar il-kumpannija.

II. Stħarriġ tas-suq

L-Istati Membru għandu jipprovdli kopja ta' l-istħarriġ tas-suq/swieq li fihom taħdem id-ditta f'diffikultà, bl-isem ta' l-organizzazzjoni li għamlet l-istħarriġ. L-istħarriġ tas-suq għandu partikolarment jinkludi:

- definizzjoni preċiża tas-suq kopert mill-istħarriġ;
- l-ismijiet tal-kompetituri ewlenin tad-ditta f'shemhom fis-suq dinji, Komunitarju jew domestiku, kif xieraq;
- l-evoluzzjoni ta' l-ishma fis-suq tal-kumpannija fl-aħħar snin;
- eżami tal-kapaċità produttiva totali u d-domanda fuq livell Komunitarju, b'konklużjoni jekk hemmx kapaċità eċċessiva fis-suq;
- tħabbir fuq livell komunitarju dwar xejriet fid-domanda, kapaċità totali u l-prezzijiet fis-suq fil-ħames snin li ġejjin.

III. Deskrizzjoni tal-Għajnuna

- Turi li d-diffikultajiet tal-kumpannija huma tagħha u mhux riżultat ta' allokkazzjoni arbitrarja ta' l-ispejjeż fil-grupp;
- tgħid jekk il-kumpannija diġà rċevietx għajnuna għas-salvazzjoni u, jekk hu hekk, tagħti d-data ta' l-approvazzjoni u l-garanzija ta' l-Istat Membru li jrodd pjan għal ristrutturatur jew għal-likwidazzjoni;
- Tgħid jekk il-kumpannija jew xi wħud mis-sussidjarji tagħha li fihom għandha mhux inqas minn 25 % tal-kapital jew id-drittijiet tal-vot fil-passat diġà rċevew għajnuna għar-ristrutturatur jew għajnuna li tista' titqies hekk. Jekk hu hekk, trid tingħata r-referenza tad-deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni;

- Tindika l-forma li l-ghajjnuna għandha tieħu u l-ammont totali ta' beneficiċċju finanzjarju involut;
- Tiddeskrivi l-miżuri kompensatorji proposti biex jittaffew l-effetti tat-tgħawwiġ fuq il-kompetizzjoni fil-livell Komunitarju;
- Tispeċifika kull ghajjnuna ta' kull tip li d-ditta probabbilment tirċievi qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturar, sakemm ma taqax taħt ir-regola *de-minimis*.

IV. Il-pjan għar-ristrutturar

L-istat Membru għandu jipprovi pian ta' ristrutturar imfassal skond il-punti 29 sa 47 u li fih ta' l-inqas din l-informazzjoni:

- preżentazzjoni ta' l-implikazzjonijiet differenti tas-suq li joħorġu mill-istħarriġ tas-suq;
- analiżi tar-raġuni għaliex id-ditta spiċċat f'diffikultà;
- preżentazzjoni ta' strateġija futura proposta għad-ditta;
- deskrizzjoni tal-miżuri differenti ta' ristrutturar ipplanati u kemm jiswew;
- stima komparattiva tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali, fuq livell reġjonali u/jew nazzjonali, tal-għibien tad-ditta f'diffikultà u ta' l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni;
- kalendarju għall-implimentazzjoni tad-diversi miżuri u d-data meta għandha tintemm l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni fl-intier tiegħu;
- deskrizzjonijiet preċiżi ta' l-arranzamenti finanzjarji għar-ristrutturar:
 - l-użu tal-kapital li għadu disponibbli,
 - il-bejgħ ta' attivi jew sussidjarji biex jiġi meġhun il-finanzjament tar-ristrutturar,
 - ir-rabta finanzjarja mill-azzjonisti privati differenti u l-banek li jagħmlu s-self ewlieni,
 - l-ammont ta' assistenza pubblika u x-xhieda tal-bżonn ta' dan l-ammont,
 - fejn hu xieraq, l-għotja ta' self li għandu jintradd lura jew id-dħul ta' klawżola ta' "fortuna aħjar" biex jiġi assigurat l-għoti lura tal-ghajjnuna;
- kont ta' qligħ u telf proġettat għall-ħames snin li ġejjin bi dħul stmat fuq il-kapital u studju ta' sensitività bażat fuq xenarji differenti;
- rekord tad-diskussjoni fuq ir-ristrutturar pjanat li sar mat-*trade unions* li jirrappreżentaw lill-ħaddiema tad-ditta;
- isem/ismijiet ta' l-awtur/I tal-pjan ta' ristrutturar u d-data ta' meta sar.

V. Il-Parti ta' l-Istat Membru

L-Istat Membru għandu jindaħal li jagħti, fir-rapporti dwar l-ghajjnuna għal ristrutturar li kienet permessa, kull informazzjoni rilevanti dwar kull ghajjnuna ta' kull tip mogħtija lid-ditta li qiegħda tirċievi ghajjnuna għal ristrutturar, kemm jekk taħt skema kif ukoll jekk le, sakemm jispiċċa l-perjodu tar-ristrutturar.

ANNEX II

FORMA TA' NOTIFIKAZZJONI GĦAL GĦAJNUNA GĦAS-SALVAZZJONI

Informazzjoni essenzjali dwar il-kumpanija

Isem il-kumpanija:

L-istat legali:

Is-settur li fih taħdem:

In-numru ta' ħaddiema (bil-provi fejn hu xieraq):

Spejjeż operattivi u obbligi finanzjarji fl-aħħar 12-il xahar:

L-ammont massimu li għandu jissellef:

L-isem ta' min se jsellef:

Dokumenti essenzjali li għandhom jintraddu

- l-aħħar kont ta' qligħ u telf b'karta tal-bilanċ, jew deċiżjoni tal-qorti li tiftaħ investigazzjoni dwar il-kumpanija taħt il-liġi nazzjonali tal-kumpaniji;
 - rabta min-naħa ta' l-Istat Membru li jgħaddi lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data ta' l-approvazzjoni tal-għajnuna għas-salvazzjoni, jew ta' pjan għal ristrutturar, jew ta' pjan għal-likwidazzjoni, jew prova li kemm it-tislifa u l-għotja tħallsu lura fis-sħiħ;
 - pjan ta' likwidazzjoni għas-sitt xhur li ġejjin, li jindika l-ammonti li għandhom jiġu msellfin fi żmien qasir;
 - kopja ta' l-offerta ta' self (magħquda mal-għajnuna għas-salvazzjoni) lid-ditta f'diffikultà, li tispeċifika l-kondizzjonijiet għall-ħlas ta' l-ammonti msellfin u l-kondizzjonijiet għall-ħlas lura;
 - kopja ta' l-abbozz tal-garanzija li jkopri s-self partikolari fejn se tkun tiġi garantita.
-